

32000D0258

L 79/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.3.2000

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**ta' l-20 ta' Marzu 2000****li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandarizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issewgi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija**

(2000/258/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi ħtiġijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ ġo, u l-importazzjoni ġo, il-Komunità ta' annimali, sperma, bajd u embrijuni mhux soġġetti għal ħtiġijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali stabbiliti f'regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A(1) għad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 92/65/KEE ttipprovdi għal sistema alternattiva għall-kwarantina għad-daħla ta' ċerti karnivori domestiċi fit-territorju ta' ċerti Stati Membri li m'għandhomx l-idrofobija. Dik is-sistema tirrikjedi kontrol fuq l-effettività tat-tilqim ta' dawk l-annimali permezz ta' *titration* ta' *antibodies*.
- (2) Sabiex tigarantixxi sistema effettiva ta' ħarsien tal-laboratorji li se jagħmlu dawn l-analiżi, huwa meħtieġ illi tistabbilixxi sistema ta' approvazzjoni tal-Komunità ta' dawn il-laboratorji.
- (3) L-approvazzjoni ta' dawn il-laboratorji għandha tiġi koordinata minn laboratorju ta' referenza għal dawn l-affarijiet fil-Komunità.
- (4) Il-laboratorju Agence française de sécurité sanitaire des aliments de Nancy (Aġenzija tas-Sigurtà ta' Ikel Franċiż ta' Nancy) jikkonforma mal-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex ikun laboratorju ta' referenza għal dawn l-affarijiet fil-Komunità.
- (5) Dak il-laboratorju ta' referenza jista' jirċievi għajjnuna mill-Komunità kif stabbilit fl-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 għall-infiq fil-qasam veterinarju ⁽²⁾.
- (6) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun adottata skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 Ġunju 1999 illi tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' implimentazzjoni tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni ⁽³⁾,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-laboratorju ta' l-Agence française de sécurité sanitaire des aliments de Nancy (AFSSA, Nancy), id-dettalji ta' liema huma stabbiliti fl-Anness I, permezz ta' dan huwa magħżul bħala l-istitut speċifiku responsabbli sabiex jistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandarizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi sabiex isegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija.

Artikolu 2

Id-dmirijiet tal-laboratorju imsemmija fl-Artikolu 1 huma stabbiliti fl-Anness II.

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54. Direttiva kif emendata l-aħħar minn Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/176/KE (ĠU L 117, ta' l-24.5.1995, p. 23).

⁽²⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1258/1999 (ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 103).

⁽³⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Artikolu 3

Il-laboratorju msemmi fl-Artikolu 1 għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-lista ta' laboratorji tal-Komunità li se jkunu awtorizzati sabiex jagħmlu testijiet seroloġiċi biex isegwu l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija. Dawn il-laboratorji għandhom ikunu awtorizzati skond l-Artikolu 5(2).

Artikolu 4

L-Annessi għal din id-Deċiżjoni għandhom jiġu emendati skond il-proċedura stipulati fl-Artikolu 5(2).

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Veterinarju Permanenti, minn issa 'l quddiem imsemmi bħala il-“Kumitat”, stabbilit permezz ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 68/361/KEE ⁽¹⁾.

2. Fejn tintgħamel riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu pprovdut fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 6

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Marzu 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

L. CAPOULAS SANTOS

⁽¹⁾ ĠU L 255, tat-18.10.1968, p. 23.

ANNEX I

AFSSA, Nancy
Laboratoire d'études sur la rage et la pathologie des animaux sauvages
Domaine de Pixérécourt
BP 9
F- 54220 Malzéville

Tel. (00-33) 383 29 89 50

Fax (00-33) 383 29 89 59

E-mail: maubert@fitech.fr

ANNEX II

L-istituzzjoni speċifika responsabbli għall-istabbiliment ta' kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi sabiex isegwu l-azzjoni tat-tilqim ta' idrofobija għandha:

- tikkoordina l-istabbiliment, it-titjib u l-istandardizzazzjoni ta' metodi għal titration seroloġika fuq karnivori mlaqqma kontra l-idrofobija,
- tevalwa dawk il-laboratorji għal liema l-Istati Membri bagħtu applikazzjoni għall-approvazzjoni sabiex jagħmlu l-analiżi msemmija fl-ewwel inċiż; ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni għandu jiġi mibgħut lill-Kummissjoni għall-għan ta' din l-approvazzjoni,
- tagħmel lista ta' laboratorji approvati tal-Komunità illi huma awtorizzati sabiex jagħmlu dawn l-analiżi,
- tipprovi informazzjoni utili dwar metodi ta' analiżi u provi komparattivi ta' dawn il-laboratorji u jorganizzaw sezzjonijiet ta' taħriġ u aktar korsijiet ta' taħriġ għall-impjegati tagħhom,
- torganizza testijiet ta' xeh̄ta *interlaboratory*,
- tikkollabora ma' laboratorji responsabbli sabiex jagħmlu dawn l-analiżi f'pajjiżi terzi u tipproponi lill-Kummissjoni, proċedura għall-approvazzjoni ta' dawn il-laboratorji,
- tipprovi assistenza xjentifika u teknika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar dawn l-affarijiet, b'mod partikolari f'każijiet ta' diżgwid bejn l-Istati Membri dwar riżultati ta' analiżi.